San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 47 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**it-Tlieta 15 ta' Lulju 2014 fil 5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**

Triq San Pawl,San Pawl il-Baħar. SPB 3411 - Malta

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Raymond Tabone | Sindku |
| 2 | Graziella Galea | Kunsilliera |
| 3 | Mario Salerno | Kunsiller |
| 4 | Anne Fenech | Kunsilliera |
| 5 | Mario Buhagiar | Kunsillier |
| 6 | Robert Piscopo | Kunsillier |
| 7 | Daniel Grima | Kunsillier |
| 8 | Oliver Mallia | Kunsillier |
| 9 | Mandy Buhagiar | Kunsilliera |
| 10 | Jane Chircop | Kunsilliera |

**Skużat/a**

| | | |
|---|---|---|
| 11 | Alex Bezzina | Vici Sindku |
| 12 | Peter Abela | Kunsillier |
| 13 | John Bray | Kunsillier |

**Frans Chircop** Segr. Eżekuttiv

Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqħa.

Il-laqgħa bdiet fis-5.35pm.
Is-Sindku Raymond Tabone rringrazzja lill kulħadd tal-attendenza u beda bl-ewwel items fuq l-aġenda.

**Approvazzjoni tal-minuti.**
Billi l-minuti tal-laqgħa preċedenti ġew ċirkulati minn qabel, dawn ittieħdu bħala moqrija u korretti. Il-minuti ġew approvati minn dawk kollha preżenti.

---

**Sleeping police**
Tqajjem il-punt li quddiem id-day centre l-antik kien qiegħed isir sewqan ta' karozzi b'veloċita qawwija li kien ta' periklu kbir għar-residenti tal-inħawi. Minħabba dan il-Kunsill qabel b'mod unanimu biex teħel sleeping police biex jiġi kontrollat aktar dan l-abbuż.

**Laqgħa fuq il-Wardens.**
Is-Sindku Raymond Tabone semma li attenda laqgħa fuq il-wardens tal-lokalita' flimkien ma' Graziella Galea u Mario Buhagiar. Huwa spjega li ġie diskuss il-fatt li ma' kienitx qed tingħata l-attenzjoni meħtieġa biex jitħarsu r-regolamenti u jaraw li l-kuntratturi bil-krejnijiet ikollhom il-permessi neċessarji. Huwa qal ukoll li hemm diversi problem anke bil-wardens li qiegħdin jiġu assenjati fil-konfini tagħna, saħansitra talab biex jinbidlu.

**Skeda tal-pagamenti.**
Wara li s-Sindku Raymond Tabone talab jekk hemm xi mistoqsijiet ta' kjarifka fuq l-iskeda ta' ħlasijiet, huwa ressaq l-istess skeda għall-approvazzjoni. Graziella Galea, Anne Fenech u Robert Piscopo astjenew, kontra ma' kien hemm ħadd u l-kumplament ivvutaw favur.

***1814- Daħal għal-laqgħa l-kunsillier Daniel Grima.***

**Traffic Management f' St. Anthony Street.**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li wara li kienet saret il-laqgħa pubblika fuq is-sitwazzjoni u l-problemi li qed ikollhom ir-residenti fi Triq Sant' Antnin, il-Kunsill b'konsultazzjoni mal-pulizija fejn kien preżenti wkoll l-ispettur għamel prova ta' ġimgħa biex tinfetaħ għal-karozzi. Minħabba li kien hemm diversi lmenti rigward dan, u kienu waslu l-Kunsill anke diversi emejls b'ritratti ta' karozzi ipparkjati fin-nofs, ġie deċiż li l-problema xorta baqgħet tippersisti. Is-Sindku Raymond Tabone qal li ser jissospendi l-laqgħa ħalli resident tal-istess triq – Albert ikun jista' jitkellem. Resident, is-Sur Albert Pace qal li ma' jixtieqx li l-bollards li hemm fin-naħa t'isfel jiċċaqalqu minn posthom għax inkella jerġa' jibda l-parkegg illegali fil-kantunieri tal-istess triq, bil-konsegwenza li karozzi li jkunu deħlin fil-parti t'isfel ma' jkunux jistgħu jinżlu fit-triq. Huwa qal ukoll li hemm periklu kbir jekk din it-triq ser tibqa' dejjem tingħalaq b'karozzi fin-nofs għax anke jekk jinqala xi ħaġa sakemm jiġu l-pulizija u jsibu ta' minn huma l-karozzi ħallu jitneħħew ikun tard wisq.

Is-Sindku Raymond Tabone rringrazzja lir-resident u ppreżenta pjanta u petizzjoni biex tinbidel is-sistema tat-traffiku fit-triq u tiġi għal darba oħra pedonali. Billi huwa ċar li hemm diżgwid kbir bejn ir-residenti, s-Sindku talab lil Kunsill jekk jaqblux li tintbgħat ittra lill-istess residenti u sidien tal-ħwienet biex jiffirmaw pjanta ta' kif ġiet sottomessa l-petizzjoni ħalli wara tintbgħat lill Transport Malta. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta b'vot unanimu.

**Kumitat fuq *traffic management.***
Ġie deċiż biex jiġi ffurmat kumitat minn fost il-Kunsilliera ħalli jara' l-possibiltajjiet kollha biex jiżdiedu l-parkeggi u jkun hemm titjib fis-sistema tat-traffiku fil-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar. Dan l-istess kumitat

għandu jiltaqa' għall-ewwel darba s-Sibt fil-11 ta' fil-għodu ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar. Is-Segretarju Eżekuttiv għadda pjanti u proposti tal Perit tal-Kunsill lil Kunsilliera preżenti biex jaraw l-istess proposti jistgħux jiġu fis-seħħ u implimentati.

**Korrispondenza.**

Petizzjoni fuq *noise pollution* minn stabbiliment fil-lokal. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill petizzjoni li kienet ġiet preżentata minn resident fil Qawra. Is-Sindku Raymond Tabone qal li ġa kien tressaq l-ilment għand il-pulizija u peress li saret din il-petizzjoni l-aħjar tinkiteb ittra u tintbgħat l-istess petizzjoni biex il-pulizija jieħdu l-passi neċessarji. Kien hemm qbil unanimu fuq hekk.

***1845 – Daħlet għal-laqgħa l-Kunsilliera Mandy Buhagiar.***

**Billboards fil-lokalita ta' San Pawl il-Baħar.**

Il-kunsillier Daniel Grima qal li ġie avviċinat mis-Sur Clint Galea biex iwaħħal Billboards kbar f'diversi postijiet fil-lokalita' tagħna. Huwa qal li s-Sinjur kien lest iħallas lil Kunsill biex ikun jista' jwaħħal dawn il-billboards u talab biex ikollu no objection mingħand l-istess Kunisll. Is-Sindku Ray Tabone qal li ma' jsib l-ebda oġġezzjoni għal dan ladarba l-applikant ikollu l-permessi kollha neċessarji mingħand il-MEPA. Is-Sindku kompla biex talab l-approvazzjoni tal-Kunsill fuq dan ir-rigward. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti minbarra l-kunsillier Daniel Grima li ma' ppartecipax fil-votazzjoni minħabba li l-applikant kien klijent tiegħu.

**Lattrini pubbliċi.**

Is-Sindku Raymond Tabone qal li bill l-Kunsill qiegħed jircievi diversi lmenti fuq il-lattrini pubbliċi li kontinwament jiġu vandalizzati u anke rigward in-nuqqas ta' tindif mill-kuntrattur, qiegħed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill biex temporanjament jintbgħatu nies mid-dipartiment tal-cleansing biex jieħdu ħsieb it-tindif. Dan is-servizz għandu jingħata sakemm il-Kunsill jingħata l-approvazzjoni mingħand id-dipartiment tal-finanzi ħalli jkun jista' jidħol f' PPP għall-immaniġjar tal-lattrini pubbliċi fil-lokalita' ta' San Pawl. Dan peress li l-Kunsill kien ġa beda l-proċess biex il-lattrini jiġu *outsourced* u jiġu amministrati mill-privat fuq l-istess sistema li għamel il-Kunsill Lokali tal-Belt. Għaldaqstant is-Sindku Raymond Tabone talab l-approvazzjoni tal-Kunsill u kien hemm qbil unanimu biex temporanjament jintalab id-dipartiment tal-Gvern ħalli jnaddaf l-istess lattrini pubbliċi fil-lokalita' tagħna.

**Onorarja tal-Kunsilliera.**

Is-Segretarju Eżekuttiv talab lil Kunsill għall-approvazzjoni tal-Onorarja lil Kunsilliera permezz ta' konferma bl-emejl minħabba li l-laqgħa saret wara li suppost titħallas l-onorarja, biex b'hekk ikunu jistgħu jitħallsu sal-aħħar tax-xahar.

**Dawl fi Triq Jean De La Cassier**

Nqrat korrispondenza mingħand residenta fl-istess triq, rigward il-problema li hemm fuq dawl li jaħdem bis-sistema solari, fejn ġie spjegat li hemm bżonn jinbidlu l-batteriji tal-arbli kollha li jinsabu fit-triq. Billi l-ispiża hija sostanzjali u l-Kunsillier Mario Buhagiar offra li jistaqsi fuq x'jaqbel isir biex tissolva l-problema. Għaldaqstant ġie deċiż li nieħdu l-parir l-ewwel u jiġi deċiż xi jsir f' laqgħa oħra.

**Kuntratt ta' skema persuni diżabilita.**

Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-impjegata taħt l-iskema ta' persuni b'dizabilita li qiegħda assenjata mall-Kunsill Lokali San Pawl mhux qiegħdin nirċievu r-rifuzjoni tas-salarju tagħha kif hemm fil-kuntratt tagħha. Is-Sindku Raymond Tabone qal li bħala Kunsill mhux kontra li dawn in-nies jiġu assenjati mall-Kunsill, pero' għandu jiġi onorat il-qbil li l-ammont tal-paga jiġi rifondut mill-iskema tad-dipartiment. Għaldaqstant ġie deċiż li nitolbu d-dipartiment biex tiġi estiża l-iskema għal wara Settembru u ningħataw il-flus dovuti. Fin-nuqqas ta' dan, il-Kunsill ma' jkollu l-ebda alternattiva milli jwaqqaf l-iskema.

***Airconditioner* tal-uffiċini tal-Kunsill.**
Is-Sindku Raymond Tabone qal lill Kunsill li kellu jsir xi xogħolijiet biex l-airconditoner tal-Kunsill isirulu alterazzjonijiet minħabba li mhux qiegħed jaħdem sew. Dan ix-xoghol għandu jsir fil-ġimgħat li ġejjin u ser jintalab il-permess tas-sid minn fejn l-istess Kunsill huwa mikri.

**Xogħol fuq il-bandli fi Triq Parades.**
Is-Sindku Raymond Tabone spjega lil Kunsill li bħalissa għaddej ix-xogħol fil-bandli u parkegg wara l-BOV fi Triq Parades. Huwa spjega li ser jitwaħlu bankijiet fuq in-naħa ta' fuq u bandli waqt li fil-parti t'isfel qiegħed isir xogħol ħalli jiżdied il-parkeġġ wara l-bank tal-BOV.

***Adjudication board* tat-tenders ġodda.**
Is-Sindku talab lill Kunsilliera biex jifformaw parti mill-bordijiet tal-aġġudikazzjoni ħalli jintgħażlu t-tenders. Huwa nforma lil Kunsill li t-tender tal-Open Gym ma' kien tefagħha ħadd u għalhekk ser terġa' toħroġ darba' oħra. Il-Kunsill qabel li minflok jinħatar bord tal-aġġudikazzjoni – jkun il-Kunsill kollu fuq il-bord li jiddeċiedi fil-laqgħa li jmiss.

**Seminar rigward nies fuq parole.**
Is-Sindku Raymond Tabone spjega lil Kunsill li kien hemm seminar biex jiġi kunsidrat jekk għandhomx jitħadmu nies fuq parole mill-Kunsilli Lokali. Għal dan is-seminar ser jattendi s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku talab lil Kunsill biex jikkonsidra din it-talba ħalli jiġu ntegrati dawn in-nies li jkunu fuq parole u wara li ttieħdet votazzjoni kien hemm qbil unanimu. Għaldaqstant għanda tiġi mistħarrġa din il-possibilta'.

**Karnival tas-Sajf 2014**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li l-Kunsill għal darba' oħra ser jorganizza l-karnival tas-sajf bil-kollaborazzjoni tal-MTA. Huwa nforma lil Kunsill li ingħatajna l-ammont ta' €3000 għal dan il-għan. L-attivita' ser issir fis-16 u 17 t' Awissu u ser issir press conference fil-pjazza.

***Bring- in-site.***
Is-Sindku qal li kontinwament il-Kunsill qiegħed jirċievi lmenti mingħand in-nies fuq l-abbuż li qiegħed jiġri fuq il-bring-in-sites ħdejn il-Mista Village u dik ta' ħdejn il-lattrini ta' Fraben. Huwa qal li billi hemm żewġ bring-in-sites oħra viċin tat-tnejn li semmejna, ser jitneħħew biex b'hekk in-nies jużaw dik li hemm fejn l-istazzjon tal-fire, u dik li hemm fejn in-niżla ta' Fraben rispettivament.

Skużat. Il-Kunsillier Robert Piscopo ġie skużat u ħareġ mil-laqgħa fit-8.05pm.

**Kont pendenti mill-Floreal Ltd.**
Ġie diskuss il-kont li l-Kunsill irċieva mingħand Floreal Ltd li kien baqa pendenti u ma' tħallasx. Billi l-Kunsill kellu kemm il-purchase order iffirmat mis-segretarja preċedenti kif ukoll l-invoice bil-firma li l-affarijiet kienu ġew aċċettati mill-Kunsill, is-segretarju talab l-approvazzjoi tal-Kunsill biex jitħallas. Ġie deċiż li jintalab parir mingħand l-avukat dwar dan.

Skużata. Il-Kunsilliera Anne Fenech ġiet skużata u ħarġet mil-laqgħa fit-8.31pm.

**Festa Burmarrad.**
Il-Kunsill qabel li jitħallas l-ammont ta' €250 għal kiri ta' sound system biex jintuża fil-festa ta' Burmarrad. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

**Każin Banda ta' San Pawl.**
Il-Kunsill qabel li jħallas l-ammont ta' €300 għal kiri ta' sound system jew siġġijiet għal-attivita' mtella mill-banda ta' San Pawl il-Bahar.

**Punti mqajma mill-Kunsilliera.**
Sindku – Raymond Tabone. Kuntrattur tal-knis. Is-Sindku qal li l-kenniesa mqabbda mid-dipartiment tal-Gvern qiegħdin jagħmlu xoghol tajjeb ħafna u għaldaqstant talab lil Kunsill biex jiġi kunsidrat ħalli nestendu dan is-servizz f'toroq mhux arterjali. Huwa kompla biex talab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera ħalli l-Kunsill jipproponi lid-dipartiment tal-cleansing biex jestendi dan is-servizz u jasal fi ftehim mal-Gvern biex l-allokazzjoni tal-Kunsill tingħata lid-dipartiment ħalli jiġi estiż is-servizz tal-knis mal-konfini ta' San Pawl il-Baħar. Kien hemm qbil unanimu minn dawk kollha preżenti fuq din id-deċiżjoni.

**Sub Office tal-Kunsill.**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li rċevejna l-clearance mingħand il-MEPA rigward l-uffiċini tas-Sub Office ġewwa l-pjazza ta' Bugibba. Huwa kompla jgħid li baqa' biss il-clearance mingħand id-dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

**Budget Measure 86**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li qiegħed jiġi diskuss l-għotja ta' 50K bħala miżura biex jinxtraw pjanti u siġar indiġini ħalli jitħawwlu matul il-promenade u fil-ġonna li għandna fil-konfini ta' San Pawl il-Baħar. Huwa kompla jgħid li fil-jiem li ġejjin, ser isir l-iffirmar ta' kuntratt mad-dipartiment ħalli dawn l-istess fondi jkunu jistgħu jgħaddu lil Kunsill għall dan il-għan. Saret diskussjoni qasira fuq jekk għandux jinxtara bowser jew jinxatara s-servizz ta' tisqija tal-pjanti u siġar ta' dan l-istess proġett. Wara votazzjoni fuq jekk jinxtarax is-servizz jew il-bowser tat-tisqija, kulħadd qabel li jinxtara s-servizz minbarra l-kunsilliera Mario Salerno u Mario Buhagiar. Għaldaqstant ġie deċiż li jinxtara s-servizz.

**Jane Chirop**. Il-Kunsilliera Jane Chircop qalet li kellha laqgħa mal-ambaxxatriċi tal-Amerka u fl-istess laqgħa ġiet mgħarrfa bix-xewqa li jsir xogħol ta' manteniment estensiv fuq il-monument li hemm Kennedy Grove għad-unur J F. Kennedy. Għaldaqstant hija, flimkien mas-Sindku Raymond Tabone ser jieħdu ħsieb li jgħinu f'din l-inizjattiva. Kunsilliera Jane Chirocp qalet ukoll li ser issir attivita' tat-tberik tal-annimali u hija ser tieħu ħsieb l-organizzazjoni ta' din l-istess attivita'.

**Oliver Mallia**.
Il-Kunsillier Oliver Mallia semma li huwa flimkien mas-segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa ma' persuna li nteressata topera servizz bid-dgħajsa mix-Xemxija għall-Għżejjer ta' San Pawl. Huwa kompla jgħid li din kienet biss laqgħa biex tiġi mistħarrġa din il-possibilta' u xtaq jara jekk il-Kunsill għandux oġġezzjoni qabel japplika għall-permessi meħtieġa. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill Lokali fuq din l-inizjattiva u għandu jiġi mistħarreġ kull possibilta'.

**Mario Salerno**. Il-Kunsillier Mario Salerno qal li kellu laqgħa ma' tal-MTA fejn diversi kelliema tkellmu fuq il-bżonnijiet tagħhom. Huwa qal li l-Kunsill għandu jara li din is-sena jerġa' jittella program ta' attivita' għal Jum San Pawl. Huwa kompla jgħid li s-sena l-oħra residenti kienu ttieħdu fuq il-gżejjer ta' San Pawl u ħallsu għat-traġit.

**Mandy Buhagiar.**
Il-Kunsilliera Mandy Buhagiar qalet li għandu jitkompla x-xogħol fuq il-monument tal-ħorża tal-bir u jitneħħa xi ġebel li hemm fuq il-bankina ġewwa Triq in-Nakkri. Semmiet ukoll floodlights fejn iz-Zigumar biex jerggħu jinxtgħelu għal jiem tas-sajf. Qalet ukoll li bħalissa qiegħed isir eżerċizzju min-naħa tat-turiżmu biex jinbidlu l-bankijiet matul il-promenade.
Hija kompliet tgħid li għandu jsir DNO biex issir playing field fejn l-għassa tal-Pulizija ġewwa l-Qawra. Minħabba din il-proposta għandu jiġi rifjutat il-proposta li ssir gabbana f'dan l-istess post. Dan minħabba l-fatt li kienet saret talba biex issir gabbana propjament f'dan il-post. Kien hemm qbil unanimu tal-Kunsill rigward dan.

**Graziella Galea** – Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li parti mill-proġett tal-Housing Estate għandu jitranġa t-taraġ li hemm ħalli jkun hemm aktar aċċess f' Erba' Mwiezeb.

**Aġġornament tal-laqgħa**. Il-laqgħa intemmet fid-9.20pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 8 ta' Awissu 2014 fil-5.30pm.

Raymond Tabone
Sindku – Kunsill San Pawl il-Baħar.

Frans Chircop
Seg. Eżekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Baħar.